# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## IL-PARROCCA TA' MORSENCHIO DEDIKATA LIL MARIJA ADDOLORATA

Gewwa Morsenchio d-devozzjoni marjana minn dejjem kellha gheruq fondi kif jixhdu bosta dokumenti u cirkustanzi. Fit-13 il-seklu l-istorja tghidilna li kappella dedikata lil Marija Vergni diga' kienet tezisti u li dan il-lok ta'devozzjoni kien mizmum nadif, u mzejjen bil-pitturi internament. F'dan il-lok kien jigi celebrat il-quddies u fil-jiem ta' festa kien jinzamm it-taghlim tal-katekizmu. Fil-vicinanza kien jinsab cimiterju zghir.



Jidher li dan it-tempju kien frekwentat mill-fidili ghall-qima taghhom lejn Alla. Jinghad li fis-sena 1571 l-arcisqof ta' Milan San Karlu Borromeo ghamel il-vizta pastorali tieghu f'din il-




parti tad-djocesi li kienet responsabilta'tieghu. Imma ghal xi raguni jew ohra ma jezisti ebda taghrif iehor dwar din il-knisja zghira mis-sena 1750 'l quddiem.

Pero'xi zmien wara, bejn is-snin 1770 u 1775 ftit 'l boghod mill-kappella originali giet mibnija knisja zghira gdida. Kien bini twil aktar minn 14 il-metru u wiesgha aktar minn sitt metri. Minn barra kien estetikament modest imma minn gewwa kienet imzejna u eleganti.

Mal-hitan kien hemm imwahhla kwadri li jirraprezentaw it-tnax l-appostlu filwaqt li wara l-artal kien hemm pittura ta'Marija Addolorata b'qalbha minfuda minn seba'stalletti.

Madankollu fis-sena 1960 dan il-bini sagru u mieghu l-inhawi ta'madwar kellu jigi mwaqqa' biex jaghmel lok ghal espansjoni ta' l-imhazen tal-kumpanija Montedison, minkejja l-opposizzjoni tal-kappillan tal-parrocca l-gdida, dedikata wkoll lil Marija Addolorata u li f'dawk iz-zminijiet kienet qed tizvillupa bil-mod il-mod. Fis-sena 1953 il-pjan regolatur kien jipprevedi svilupp qawwi ta' bini ta'djar f'dawn l-inhawi u konsegwement il-Kurja ta' Milan bniet kappella provizorja li giet dedikata lil Marija Addolorata. Dan il-bini ceda' postu

ghall- bini ta' lok ghal isport, darba il-knisja parrokkjali kienet lesta u maghha ukoll id-dar parrokkjali wkoll.

Il-knisja parrokjali giet mibnija bil-ghajnuna tal-generosita'tas-Sinjura Farina u l-armla Cabassi, li pprovdiet l-art ghall-bini tal-knisja, infatti offriet bhala donazzjoni 10,000 metri kwadri ta'l-art lill-Kurja biex isehh il-progett. Il-knisja giet ippjanata biex timbena' fil-forma ta' salib latin.



Kien l-arcisqof Montini li qieghed l-ewwel gebla fit-18 ta' Marzu 1958 . Ghal xi raguni jew ohra l-bini kompla miexi bil-mod sakemm is-sinjura Farina offriet il-finanzi mehtiega biex titkompla l-kostruzzjoni, ghalanqas b'dak li hu necessarju, u b'hekk setghet tintuza'ghall-kult pubbliku. Fit-30 ta' Novembru 1961 Mons Oldani bierek it-tempju u mal-mixja taz-zmien dan seta'jigi msebbah b'elementi artistici biex ikun lok dinjituz ghall-Mulej.

Kien Don Ferdinando Frattino l-ewwel kappillan tal-parrocca ta' l-Addolorata li halla mpatt kbir fost il-parruccani tieghu

bil-dedikazzjoni ghall-qadi tal-missjoni tieghu. Huwa ghadda 28 sena jkun ta'servizz ghall-komunita'ta' Morsenchio.

Meta wiehed jidhol gewwa jista'jinnota diversi opri ta' l-arti, barra xi riproduzzjonijiet ta' pitturi celebri. Jigbdu l-attenzjoni l-hgieg ta'l-abside li gew mahduma fis-snin 60 tas-seklu ghoxrin; l-affreski li jzejnu l-artal huma tal-pittur Pietro Conconi. L-isfond ta' l-abside juri l-Missier Etern u l-Ispirtu Santu taht forma ta' hamiema u "Kristu Mislub" tahthom. Il-baldakin ta'fuq l-artal juri pittura ta'l-erba'evangelisti. Fl-ahhar u mhux l-anqas, wiehed jista'jammira l-artal marjan li l-isfond tieghu ta'l-irham juri xeni mill-hajja ta' Marija Addolorata.



Il-fonti tal-maghmudija huwa tassew originali u jixbah l-istil ta' l-artal marjan bl-isfond tieghu juri xeni mill-bibbja.